MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 200/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. A.P. Miruzzi)**
**Vs**
**Anthony Vella**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1) bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fit-23 ta' Gunju, 2007 bhala hawker fil-festa tas-Siggiewi, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li taghti jew tipproduci ricevuta fiskali permezz ta' "cash register" fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq

bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, w dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 ta’ l-imsemmija Skeda w l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 82 (2) ta’ l-Att nru. XXIII ta’ l-1998;
2) fl-istess zmien u fl-istess post, naqas jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta ta’ taxxa f’ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, w dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 82 (2) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Gunju, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 51, 77(a)(e) u 82(2) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll il-partiti 1, 2 u 3 tat-Tlettax-il Skeda ta’ l-istess Kap. 406, sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel imputazzjoni w ikkundannatu multa ta’ tmien mitt Euro (€800). Astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni stante li din hija alternattiva ghall-ewwel wahda.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta’ Gunju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu l-Ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni akkuza, tirrevokaha in kwantu sabitu hati tal-ewwel akkuza w kkundannatu ghal multa ta’ tmien mitt Euro (€800) u konsegwentement tilliberah minn kull piena w htija skond il-ligi, w f’kaz li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-appellant jitlob li tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghal kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet ix-xhieda fl-udjenza tal-lum.

Rat il-verbal li bih l-appellant irtira l-aggravju dwar il-mertu w zamm ferm l-aggravju dwar il-piena.

Ikkonsidrat

Illi in vista tal-fatt li gie rrtirat l-aggravju dwar il-mertu, din il-Qorti trid tikkonsidra biss, f'dan l-istadju, l-aggravju dwar il-piena.

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz, ghalkemm tirrizulta responsabilita' tal-appellant, jidher illi jista' jkun hemm fatturi attenwanti illi jwasslu biex il-piena tinghata fil-minimu taghha preskritt fil-ligi.

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w astjeniet milli tiehu konjizjoni tat-tieni imputazzjoni billi din hija alternattiva ghall-ewwel wahda, w tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant ghall-multa ta' tmin mitt Euro (€800) u minflok tikkundannah ghall-multa ta' seba' mitt Euro (€700).

Il-Qorti takkorda lill-appellant ghaxar tijiem zmien ghall-hlas.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------